MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta ta' l-10 ta' Marzu, 2004

Appell Civili Numru. 821/2001/1

**Joseph u Victor Aquilina ghan-nom ta' l-azienda kummercjali Tokyo Japan Enginee Dealer**

**vs**

**Charles Camilleri**

**Il-Qorti,**

Fl-24 ta' April, 2003 it-Tribunal ghal Talbiet Zghar ippronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

"It-Tribunal

Ra l-avviz li fih is-socjeta` attrici talbet il-hlas ta' Lm379.26 (tlett mija u disgha u sebghin lira Maltin u sitta u ghoxrin centezmi) rapprezentanti l-prezz ta' magna ta' vettura mibjugha u kkonsenjata lill-konvenut.

Ra r-risposta tal-konvenut ecepixxa “res judicata” fejn esebixxa kopji tas-sentenzi moghtija mill-Qorti per Magistrat Dr. Dennis Montebello.

Ra d-dokumenti esebiti.

Ra li l-eccezzjoni tal-konvenut giet michuda b’sentenza in parti datat 18 ta’ Frar 2002.

Ra li l-konvenut ipprezenta eccezzjoni ulterjuri fejn eccepixxa l-preskrizzjoni ai termini tal-artikolu 2148(b).

Ra l-kawza tibqa’ differita ghas-sentenza bil-fakolta tal-partijiet li jressqu provi dokumentarji sal-15 ta’ Jannar 2003.

Ra li l-konvenut ipprezenta invoice in kwistjoni datat 4 ta’ Marzu 1999.

Ra noti ta’ osservazzjonijiet li pprezentaw il-partijiet.

Illi skond il-konvenut l-azzjoni giet preskritta b’traskors ta’ 18 il-xahar mill-gurnata tal-bejgh.

Illi l-bejgh sar f’Marzu 1999. Illi ghaddew 18 il-xahar fl-4 ta’ Novembru 2000. Illi l-kawza Avviz. 820/99DM giet ipprezentata fil-1999 u ghalhekk hemm interuzzjoni tal-preskrizzjoni. Din il-kawza giet ipprezentata fis-27 ta’ Awissu 2001 u cioe entro t-terminu.

Il-konvenut jissottometti li billi hu kien liberat mill-osservanza tal-gudizzju fil-kawza 820/99DM ghandu japplika l-artikolu 2132 tal-Kodici Civili.

It-Tribunal jissottometti li l-kawza 820/99DM ma kienetx dezerta, rinunzjata jew michuda. Kien hemm liberazzjoni. Ghalhekk l-artiklou 2132 ma japplikax.

Illi inoltre jirrizulta li fil-kawza 820/99DM il-konvenut kien ghamel kontro-talba. Illi t-Tribunal jaghmel referenza ghal kawza V. Petroni Limited vs Roger Camilleri deciza mill-Qorti tal-Appell (sede Inferjuri) datat 13 ta’ Jannar 1999

fejn intqal li "l-eccezzjoni ta' preskrizzjoni tikkostitwixxi rinunzja tacita ghall-istess preskrizzjoni. Il-preskrizzjoni hi inkompattibli ma' l-eccezzjoni tal-kompensazzjoni. Xejn ma jiswa li l-kompensazzjoni tigi opposta in subordine u bla pregudizzju ghal preskrizzjoni ghax bil-fatt tieghu stess, il-konvenut li jecepixxi l-kompensazzjoni jigi li jirrinunzja ghall-preskrizzjoni li hu ma jistax isalva b'semplici riserva. Ghalhekk l-eccezzjoni ta' preskrizzjoni mhix aktar ammissibbli jekk il-konvenut in segwitu ghaliha jopponi l-kompensazzjoni. Principji dawn li japplikaw hemm jekk l-oppozizzjoni tat-tfacija ssir mill-konvenut permezz ta' eccezzjoni u a foriori jew issir b'sostenn ta' kontro-talba …. dan ghaliex il-konvenut ikun qed jippretendi li hu kreditur ta' l-attur f'ammont li jkun jeccedi dak li hu jsostni li ma kienx ghadu minnu dovut ghax hu preskritt".

Ghaldaqstant it-Tribunal jichad l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni. Billi ma hemmx eccezzjonijiet ohra u t-talba attrici hija gustifikata, jilqa' t-talba attrici bl-ispejjez kontra l-konvenut u bl-imghax mid-data tan-notifika tal-avviz (15 ta' Settembru, 2001)."

Il-konvenut appella minn din is-sentenza b'dawn l-aggravji:-

1. It-Tribunal zbalja meta ddecieda li l-Artiklu 2132 tal-Kodici Civili ma kienx applikabbli fil-kaz ta' helsien mill-harsien tal-gudizzju;

2. It-Tribunal ukoll iddecieda malament meta cahad il-preskrizzjoni eccepita sempliciment b'referenza ghall-atti tal-kawza l-ohra fejn giet dikjarata l-liberatorja u meta dawn l-istess atti ma kienux parti ntegrali mill-atti tal-istanza odjerna. Gie inoltre minnu sottomess f'dan l-istess kuntest illi l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni minnu moghtija in termini ta' l-Art. 2148 (b) tal-Kap 160 kienet valida gjaladarba l-bejgh tal-magna kellu jitqies vendita bl-imnut.

3. It-Tribunal, imbaghad, lanqas ma seta' jilqa' t-talba fil-meritu meta l-atturi nomine naqsu li jipprovaw u jsostnu t-talba taghhom u li jikkonfermaw bil-gurament l-ammont reklamat minnhom.

Huwa evidenti mill-ezami tal-ewwel aggravju illi jekk dan jigi validament sostenut dan wahdu jaghti lok ghar-revoka tas-sentenza appellata in kwantu l-parti operattiva tal-istess sentenza hi kollha kemm hi arginata fuq il-fatt tac-cahda da parti tat-Tribunal adit tal-eccezzjoni ulterjuri moghtija tal-applikabilita` ghal kaz ta’ l-Artikolu 2132 tal-Kodici Civili.

Jinsab pacifikament akkolt illi fejn dispositiv ta’ sentenza jkun sempliciment jikkonsisti f’liberazzjoni ‘ab observantia’ ma jistax jinghad li kien hemm gudikat vinkolanti bejn il-partijiet u allura l-kwestjoni tista’ tigi riproposta ‘ex novo’ (**Kollez. Vol. XXXVII pI p149**). Dan ghaliex, kif anterjorment ghal din is-sentenza gie ritenut, “e` positivo che la sentenza liberatoria dell’osservanza del giudizio non sia definitiva in merito e nulla osta perche` le stesse domande sieno riproposte” (**Vol X pagna 653**). F’dan is-sens u kuntest id-decizjoni tat-Tribunal li cahdet l-eccezzjoni tar-‘res judicata’ kienet guridikament korretta.

Premess li l-liberazzjoni mill-osservanza ma testingwix direttament l-azzjoni dan ma jfisserx imbaghad illi l-azzjoni ma tistax tigi indirettament pregudikata u estinta bil-preskrizzjoni taghha jekk din tigi kompjuta fiz-zmien tal-kors u tal-kompiment tal-perenzjoni ta’ l-istanza (**Kollez Vol XXXVII pIII p834**). Kien proprju dan il-qofol tal-eccezzjoni ulterjuri moghtija mill-konvenut appellant fir-rikors ta’ l-appell tieghu dwar il-portata ta’ l-Artikolu 2132 tal-Kodici Civili. Eccezzjoni din li sfortunatament it-Tribunal minghajr ebda approfondiment hass li kellu jiskarta bhala inapplikabbli.

Din il-Qorti ma tikkondividiex din il-konkluzjoni u kif ser jigi dimostrat aktar l-isfel, anke b’referenza ghal xi decizjonijiet fuq din il-materja, l-helsien mill-osservanza tal-gudizzju hi wkoll kontemplata mid-dispost ta’ l-Artiklu 2132.

Issa s-subinciz (1) ta’ l-Artikolu 2132 suddett jipprovdi illi “l-ksur tal-preskrizzjoni maghmul b’talba gudizzjarja jitqies

bhallikieku ma sarx, jekk l-attur jirrinunzja ghat-talba, jew jekk il-kawza tigi dezerta, jew jekk it-talba tigi michuda."

Biex il-qaghda tigi salvata u l-procediment l-iehor ikun jiswa biex tigi nterrotta l-preskrizzjoni jenhtieg, skond it-termini tat-tieni subinciz tal-precitat artikolu fil-kaz ta' rinunzja jew tac-cahda tat-talba gudizzjarja, illi l-attur jerga' jgib il-quddiem it-talba tieghu quddiem l-istess qorti jew f'qorti ohra fi zmien xahar minn dakinhar tar-rinunzja jew tac-cahda u l-konvenut jigi nnotifikat bil-mod u fiz-zmien preskritti fl-Artikoli 2130 u 2131 tal-Kodici Civili.

Korrettement intiza din id-disposizzjoni skond l-ispjega fornita mill-Imhallef G. Cremona fil-kawza fl-ismijiet "**Giovanna Scerri pro et noe –vs- Filippo Zammit et**", Prim'Awla, Qorti Civili, 3 ta' Frar 1921 (**Vol XXIV pII p470**), "l'interruzione della prescrizione fatta per mezzo di una domanda giudiziaria si ritiene come non avvenuta se la domanda viene rigettata, anche per liberazione del convenuto dall'osservanza del giudizio, purche l'attore non riproponga l'azione entro un mese."

L-istess gudikant sedenti jirreplika din l-istess enuncjazzjoni fis-sentenza fl-ismijiet "**Felice Fenech et –vs- Dr. Roberto Naudi et**", Qorti Kummerc, 18 ta' Mejju 1927 (**Vol XXVI pIII p429**).

Din il-Qorti ttendi favur dan l-insenjament u ssib fil-fattispeci illi l-liberazzjoni 'ab observantia' tikkwalifika ukoll bhala "un rigetto della domanda attrici che lasciava di legge in facolta` all'attore di riprodurre la domanda" (**Vol XXIV pII p472**). Dan ghaliex jikkostitwixxi provvediment ta' natura decizorja li ghandu bhala oggett pronunzjament merament processwali u procedurali.

Ir-ratio imbaghad tas-subinciz (2) ta' l-Artikolu 2132 hawn kummentat hu dak li anke fil-kaz ta' cahda tat-talba u tal-konsegwenti liberazzjoni jigi mpedut id-dekorriment tal-preskrizzjoni fiz-zmien ghar-realizzar tad-dritt bil-mod gurisdizzjonali, basta s'intendi li jigi osservat, ghal konservazzjoni tal-interruzzjoni, r-riproponiment ta' l-azzjoni fiz-zmien statwit ta' xahar. Perijodu dan li f'dan il-

kaz l-atturi appellati ma approfittawx ruhhom minnu u ghalhekk f'dan il-kuntest, u f'dan biss, jista' jinghad li ppregudikaw il-posizzjoni taghhom in vista ta' dak dettat bhala principju regolatur fis-subinciz (1) ta' l-istess Artikolu 2132.

Naturalment ghalissa tibqa' impregudikata l-kwestjoni dwar l-ammissibilita`, o meno, ta' l-Artikolu 2148 (b) ghall-meritu tal-kaz. L-ezami dwar dan l-aspett irid isir fi stadju ulterjuri minn din l-istess Qorti tenut qies ta' dak li jinghad fl-Artikolu 8(3) tal-Kap 380. Ghalissa kull ma tista' taghmel il-Qorti hi li tghaddi biex tirrevoka s-sentenza appellata.

Ghal dawn il-motivi qed tilqa' l-ewwel aggravju u b'hekk qed tirrevoka s-sentenza appellata. Tiddifferixxi l-kawza ghat-28 ta' April 2004 biex tinstema' skond il-ligi kif jipprovdi l-Att V ta' l-1995.

L-ispejjez gudizzjarji jibqghu rizervati ghall-gudizzju finali.

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------